**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 12 ta' Mejju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 272/2014 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ppremmetta:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimata kellhom relazzjoni ta' madwar sittax (16)-il sena;*

[1] Fol. 1.

2. *Illi minn din ir-relazzjoni twieldu tlett itfal u cioe' E ta' tlettax (13)-il sena li twieldet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2001; F ta' hdax (11)-il sena li twieldet fl-4 ta' April 2003; u C H B ta' hames (5) snin li twieled fit-28 ta Lulju 2009 u dan skont l-annessi certifikati tat-twelid tal-imsemmija ulied minuri hawn markati Dok. A, Dok. B u Dok. C rispettivament;*

3. *Illi ghal kull buon fini qieghed jinghad illi l-imsemmi certifikat ta' bint ir-rikorrenti E jindika isem zewg omm il-minuri u cioe' H Gharsalla, li minnu om mil-minuri C D kienet isseparat legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 18 ta' Lulju 2000 ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. O Debono u li ghalhekk minhabba prezunzjoni legali bint ir-rikorrenti giet registrata bhala bint J Gharsalla;*

4. *Illi b'konsegwenza ta' dan, l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrixxjoni 1822/2011 tifforma l-mertu ta' kawza fl-ismijiet* ***A B vs. Direttur tar-Reġistru Pubbliku et.*** *(Rik. Gur. Nru. 134/2014), liema kawza giet mhollija ghas-sentenza li mistennija tinghata fis-seduta li ser tinzamm nhar is-27 ta' Jannar 2015;*

5. *Illi ghal kull buon fini qieghed jigi hawn anness ir-rapport ta' provi genetici market Dok. D li juri li r-rikorrenti huwa nfatti l-missier bijologiku tal-minuri E;*

6. *Illi r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata tfarrket iremedjabilment u dana ghal ragunijiet imputabbli interament lill-intimata;*

7. *Illi konsegwentament ir-rikorrenti u l-intimata m'ghadhomx f'din ir-relazzjoni u lanqas ma huma qed jirrisjedu flimkien;*

8. *Illi l-komportament tal-intimata kompla jaggrava tant illi fit-8 ta' April 2012 l-intimata abbandunat lill-wliedha minuri kif jidher mill-hawn anness rapport tal-Pulizija market Dok. E;*

9. *Illi konsegwentament u kif ukoll minhabba diversi ragunijiet ohra, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, kien fl-interess tal-ulied il-kontendenti li t-tlett ulied minuri jmorru jirrisjedu mar-rikorrenti fir-residenza tieghu kif fil-fatt ghamlu nhar it-8 ta' April 2012;*

10. *Illi ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs il-minuri ma kellhom ebda relazzjoni ma' ommhom stante nuqqas ta' interess kbir min-naha tal-intimata fi wliedha minuri;*

11. *Illi inoltre, ir-rikorrenti qieghed unikament igorr il-piz tat-trobbija tal-minuri wliedu u dana kemm mil-lat finanzjarju u kif ukoll mil-lat emozzjonali, u minghajr ebda ghajnuna mill-intimata;*

12. *Illi di piu' sa ftit xhur ilu, l-intimata kienet sahansitra tippercepixxi l-beneficcju socjali fil-forma ta' Children's Allowance ghaliha fl-intier tieghu u dan ad insaputa tar-rikorrenti li min-naha tieghu ma kienx jaf li ghandu dritt jippercepixxi tali beneficcju socjali hu stante li t-tfal qieghdin jirrisjedu mieghu u stante wkoll li kien jahseb li hu m'ghandux dritt ghal tali beneficcju minhabba n-nazzjonalita' barranija tieghu;*

13. *Illi r-rikorrenti huma tal-umli opinjoni illi fl-ahjar intress tal-minuri wliedu l-kura u l-kustodja tal-minuri wliedu tigu affidata esklussivament lilu;*

14. *Illi ghandu jinghad illi saru proceduri ta' medjazzjoni quddiem l-medjatrici Antoinette Gatt Rutter (Ittra numru 917/14) sabiex jintlahaq ftehim dwar il-kura u l-kustodja rtal-minuri u aspetti ohra relatati, izda dawn ma kellhomx ezitu posittiv tant illi din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrenti sabiex jipprocedi b'kawza ad hoc permezz ta' digriet nru 2285/2014 datat 13 ta' Ottubru 2014 li qieghed jigi hawn anness market Dok. F;*

*Ghaldaqstant tghid l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportune:*

1. *Tiddeciedi u tiddikjara illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri E, F u C J illi l-kura u kustodja tigi affidata esklussivament lir-rikorrenti;*

2. *Tordna konsegwentament illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E, F u C J tigi affidata esklussivament lir-rikorrenti;*

3. *Tordna li fl-ahjar interess suprem tal-minuri, E, F u C J jkomplu jirrisjedu fir-residenza tar-rikorrenti;*

4. *Tordna illi, f'kaz illi l-intimata jkollha access ghal uliedha E, F u C J, dan isir that supervizjoni ta' persuni kompetenti u professjonisti b'dan pero' illi meta l-minuri jkunu ma' ommhom, l-istess intimata ma tkunx fil-prezenza ta' terzi persuni;*

5. *Tiffissa ir-retta alimentari ossia manteniment ghall-minuri E, F u C J, liema manteniment ghandu jithallas mill-intimata;*

6. *Tordna li l-beneficcju socjali fil-forma ta' Children's Allowance jigi percepit fl-intier tieghu mir-rikorrenti;*

7. *Tiddikjara illi l-beneficcju socjali fil-forma ta' Children's Allowance dovut mit-8 ta' April 2012 li gie percepit mill-intimata fl-intier tieghu kellu jkun dovut lill-attur u mhux lill-intimata stante li minn dik id-data 'il quddiem, il-minuri E, F u C J minn dejjem irrisjedew mar-rikorrenti ad eskluzjoni tal-intimata;*

8. *Tiehu dawk il-provvedimenti kollha necessarji u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri E, F u C J.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta C D,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi dwar l-ewwel u t-tieni talba – l-esponenti tissottometti li ma jissusistux l-estremi fil-ligi sabiex il-kura u kustodja tal-minuri E, F u C J tigi affidatata f'idejn ir-rikorrenti, azni din ghandha tkun affidata f'idejn l-esponenti u dana minhabba n-natura vjolenti u manipulattiva tal-attur, li sahansitra wasal f'punt fejn ivvalena mohh uliedu u xewwixhom u ghawwihom kontra ommi sal-punt li sahansitra waqfilhom kull access lejha u issa intavola din il-kawza that premessi qarrieqa u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

[2] Fol. 22.

2. *Illi dwar it-tielet talba – l-esponenti ma taqbilx li huwa fl-interess suprem tal-minuri li dawn ikomplu jirrisjedu fir-residenza tal-attur izda huwa aktar fl-interess suprem taghhom li jkunu migbura ma' ommhom u ma' huthom is-subien u dana minhabba r-ragunijiet esposti fl-ewwel eccezzjoni u kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *Illi dwar ir-raba talba – l-esponenti umilment tissottometti li ghandu jkun l-attur li jkollu access ghall-minuri u mhux kif qieghed jitlob hu u dana minhabba ragunijiet gia esposti aktar il-fuq u ohrajn waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

4. *Illi dwar il-hames u s-sitt talba – in vista tas-suespost, l-esponenti tissottometti li ghandu jkun l-attur li jhallas manteniment lill-esponenti ghal-uliedhom u l-esponenti li tipperceppixxi c-children allowance fl-intier tieghu mhux kif qieghed jitlob l-attur u dana in vista tal-fatt li l-minuri ghandhom ikunu mar-rikorrenti u fil-kura u kustodja taghha;*

5. *Illi dwar is-sebgha talba – din tezorbita mill-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti peress li hi talba monetarja u apparti dan, fil-mertu il-beneficcju tac-Children Allowance ippercepit mit-8 ta' April 2012 u u t-talba sabiex ikun hemm dikjarazzjoni kif dedotta f'tali talba – din ghandha tigi michuda billi (i) apparti li dan mhux il-forum sabiex issir tali talba, (ii) huwa principju sanat fil-ligi li talbiet ghal rifuzjoni ta' flus huwa preskritt bis-sentejn u l-esponenti ma ghandha taghti xejn lill-attur;*

6. *Illi fir-rigward tal-premessi kif kontenuti fir-Rikors Mahluf, dawn ma ghandhom xejn mill-verita u dana peress li:*

   (i) *Mhuwiex minnu li l-esponenti abbandunat lill-minuri kif qieghed jghid l-attur;*

   (ii) *Illi l-intimat qieghed jghix Malta b'mod illegali u dana peress li hu ma ghandux permess sabiex jghix Malta peress li huwa immigrant illegali;*

   (iii) *Illi din il-kawza qieghda ssir biss ghax jekk l-intimat jiehu l-kura u l-ksutodja tal-minuri hwa jirnexxielu jiehu r-residenza f'Malta ukoll;*

*(iv) Illi l-abbuzi tal-attur tant huma kbar li kulhadd jibza jixhed f'din il-kawza ghax hu ta' nazzjonalita' Sirjana u bniedem perikoluz;*

*(v) Illi dawn l-alegazzjonijiet u fatti ohrajn li jippruvaw li l-premessi huma foloz ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*7. Salv eccezzjonijiett ohra permessibbli bil-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li hi minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat iċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' E B, bin-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 1829 tas-sena 2001, fejn hemm imniżżel li twieldet nhar is-26 ta' April 2001;[3]

Rat iċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' F B, bin-numru progressiv ta' 1556 tas-sena 2003, fejn hemm imniżżel li twieldet nhar l-4 ta' April 2003;[4]

Rat iċ-Ċertifikat tat-Tweld ta' C B, bin-numru progressiv ta' 2793 tas-sena 2009, fejn hemm imniżżel li twieled nhar it-28 ta' Lulju 2009;[5]

Rat id-digriet tat-13 ta' Ottubru 2014 fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni bejn il-partijiet magħluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu b'kawża ai termini tal-liġi;[6]

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2015 Dr Anna Mallia ġiet maħtura bħala Perit Legali,[7] iżda liema inkarigu ġie mibdul għal dak ta' Assistent Ġudizzjarju permezz ta' digriet datat 11 ta' Lulju 2015,[8] u dan wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors intavolat mill-attur nhar is-17 ta' Ġunju 2015;[9]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imresqa u d-dokumenti eżebiti, liema ġew kollha miżmuma u mresqa quddiem l-Assistent Ġuddizjarju Dr Anna Mallia, Dr Greta Mifsud Agius, u Dr Maria Dolores Gauci;

---

[3] Fol. 5.
[4] Fol. 6.
[5] Fol. 7.
[6] Fol. 16.
[7] Fol. 26.
[8] Fol. 88.
[9] Fol. 85.

Rat l-affidavit tal-attur;[10]

Rat l-affidavit tal-konvenuta;[11]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottmissjonijiet tal-attur;[12]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;[13]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[14]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Din hija azzjoni li tirrigwarda ulied il-partijiet, ċjoe' E, F u C, aħwa B. Il-partijiet kienu jiffrekwentaw lil xulxin għal żmien twil, tant li saħansitra żżewġu bir-rit Musulman, u minn liema relazzjoni twieldu dawn l-ulied, E B li twieldet nhar is-26 ta' April 2001, F B li twieldet nhar l-4 ta' April 2003, u C B li twieled nhar is-28 ta' Lulju 2009. Jirriżulta li maż-żmien ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet, u mit-8 ta' April 2012 ulied il-partijiet bdew jirrisjedu mal-attur u dan fid-dawl ta' numru ta' kwistjonijiet. L-attur jallega li matul dan iż-żmien, l-omm qatt ma involviet ruħha, ħadet interess jew assumiet ir-responsabbilita' ta' omm fil-konfront ta' uliedha, u per konsegwenza ħassu kostrett illi jintavola din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri tiġi formalment regolata permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti:

[10] Fol. 160.
[11] Fol. 211.
[12] Fol. 301.
[13] Fol. 307.
[14] Fol. 300.

i. Tiddikjara u tordna li l-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet tgħaddi esklussivament f'idejn l-attur;

ii. Tordna li ulied il-partijiet ikomplu jirrisjedu mal-attur, fir-residenza tiegħu;

iii. Tordna illi f'każ li jkun hemm aċċess, dan għandu jsir taħt superviżjoni ta' persuni kompetenti u professjonisti b'dana illi ma jkunux preżenti terzi persuni;

iv. Tiffissa manteniment li għandu jitħallas mill-konvenuta lill-attur għall-bżonnijiet ta' uliedhom;

v. Tordna li kwalsiasi benefiċċju relatat mal-minuri jkun perċepibbli mill-attur, filwaqt li tiddikjara li l-benefiċċju soċjali fil-forma ta' *Allowance tat-Tfal* hekk dovut mit-8 ta' April 2012 kellu jkun ipperċepit mill-attur u mhux mill-konvenuta stante li minn dakinhar 'il quddiem ulied il-partijiet kienu qegħdin jirrisjedu mal-attur;

vi. Tieħu dawk il-provvedimenti kollha neċessarji u opportuni fl-aħjar interess ta' ulied il-partijiet.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta permezz tar-risposta ġuramentata tagħha, opponiet għat-talbiet tal-attur u kkonkludiet illi l-premessi kif kontenuti fir-rikors promotur huma invertiera stante li: *"(i) mhuwex minnu li l-esponenti abbandunat lil-minuri kif qieghed jghid l-attur; (ii) illi l-intimat qieghed jghix Malta b'mod illegali u dana peress li hu ma ghandux permess sabiex jghix Malta peress li huwa immigrant illegali; (iii) illi din il-kawza qieghda ssir biss ghax jekk l-intimat jiehu l-kura u l-kustodja tal-minuri huwa jirnexxieu jiehu r-residenza f'Malta ukoll; (iv) illi l-abbuzi tal-attur tant huma kbar li kulhadd jbza jixhed f'din il-kawza ghax hu ta' nazzjonalita' Sirjana u bniedem perikoluz; (v) illi dawn l-allegazzjonijiet u fatti ohrajn li jippruvaw li l-premessi huma foloz ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza".*[15]

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*<u>Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mressqa Minnu:</u>*

[15] Fol. 23.

Fl-affidavit tiegħu,[16] l-attur jispjega li ilu jgħix Malta għal dawn l-aħħar wieħed u għoxrin (21) sena, u f'dawn is-snin kollha huwa qatt ma mar lura s-Sirja u minħabba kwistjonijiet li huwa għandu mal-Gvern Sirjan, huwa konsapevoli illi jekk jmur lura art twelidu, huwa ser ikun ippersegwitat. L-attur jikkontendi illi f'dawn is-snin kollha Malta, huwa qatt ma kellu problemi ma' ħadd.

Jispjega li ltaqa' mal-konvenuta lura fl-1999 iżda huma ma setgħux jiżżewġu għaliex it-tnejn li huma kienu legalment separati. Għaldaqstant il-partijiet kienu żżewġu bir-rit reliġjuż ġewwa l-Moskea, u maż-żwieġ huwa rabba ukoll żewġt itfal li l-konvenuta kellha minn relazzjonijiet preċedenti. Madanakollu kienu tfaċċaw problemi bejn il-partijiet meta l-attur kien lesta xi xogħolijiet fil-fond li l-partijiet kienu xtraw flimkien, liema fond iżda kien jgħajjat lill-konvenuta biss in vista li r-residenza tiegħu Malta ma kinitx legali u b'hekk kien prekluż milli jixtri proprjeta' f'ismu. L-attur jispjega illi wara tilwima li kellhom il-partijiet wara li qabadha tiċċetja ma' xi ħadd barrani fuq il-*computer,* il-konvenuta ddeċediet li ċċempel lill-Pulizija tal-*Immigration* biex tibda l-proċess għad-deportazzjoni tal-attur. Fil-fatt l-attur jgħid li dam madwar xahrejn arrestat. Għalhekk ir-relazzjoni tal-partijiet intemmet u t-tfal li twieldu minn din ir-relazzjoni, ċjoe' E, F u C, wara r-rilaxx tiegħu għamlu madwar tmien xhur jgħixu ma' ommhom, iżda matul tali żmien huwa jgħix li xorta waħda baqa' viċin tagħhom. Madanakollu ġie perjodu fejn lit-tfal beda jarahom imdejqin, u meta fetħu qalbhom miegħu huma qalulu li kienu mwerwrin minn ommhom għaliex din kienet issawwathom u tħallihom imsakkrin ġo karma, u dan filwaqt li l-konvenuta kienet tkun fil-kumpanija ta' xi rġiel.

Fid-dawl tas-suespost, l-attur jikkontendi li mar jikkonfronta lill-konvenuta, u kienu ġġieldu għaliex il-konvenuta ma ridietx tammetti, iżda ma oġġezzjonatx meta l-attur qalilha li kien ser jieħu miegħu lill-uliedu. Anzi jingħad li l-konvenuta kienet qabdet u wadbet ħwejjiġhom f'borża sewda u sakkret il-bieb. Wara dan l-episodju, l-attur jgħid li mar jagħmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, u kien ukoll pprovda l-indirizz fejn kienu ser jirrisjedu t-tfal. Minn dakinhar, u ċjoe' mill-2012, it-tfal dejjem baqgħu jgħixu miegħu u baqa' jieħu ħsieb kollox hu. Għalkemm ipprova jressaq lit-tfal lejn ommhom, it-tfal ma riedux jafu biha. Fil-fatt jingħad li C B, l-iben iż-żgħir, lanqas biss jafha lil ommu għaliex meta mar jgħix għand missieru kellu biss sena u nofs. Għalhekk jsostni li hemm bżonn li jiġi fdat bil-kura u kustodja esklussiva ta' wliedu.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur ressaq is-segwenti provi:

[16] Fol. 160.

a. <u>*Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali*</u>,[17] li jikkonferma li l-attur ma pperċepixxa xejn mid-Dipartiment mill-2011 sad-data tax-xhieda, filwaqt li min-naħa l-oħra ppreżenta rendikont ta' dak kollu li pperċepexxiet l-konvenuta bħala *Allowance* tat-Tfal u Għajnuna Soċjali.[18] Jirriżulta illi:

   **i.** Fir-rigward ta' Għajnuna Soċjali, il-konvenuta bdiet tipperċepixxi l-istess sa mill-1 ta' Jannar 2011 sad-29 ta' Awwissu 2014, liema għajnuna kienet tingħata għaliha nnifisha kif ukoll għal erba' (4) uliedha, fejn fir-rispett ta' E, F u C, l-konvenuta kienet titħallas l-għajnuna soċjali bir-rata ta' €8.15 għal kull wieħed fil-ġimgħa;

   **ii.** Fir-rigward tal-*Allowance* tat-Tfal, il-konvenuta kienet titħallas tali allowance: (a) għal ħamest (5) itfal mit-3 ta' Lulju 2010 sas-27 ta' Mejju 2011, (b) għal erbat (4) itfal mit-28 ta' Mejju 2011 sat-2 ta' Awwissu 2013, (c) għal tlett (3) itfal, u ċjoe' E, F u C, mit-3 ta' Awwissu 2013 sat-3 ta' Ottubru 2014. Jiġi spjegat illi għal E, F u C, għal perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sat-3 ta' Ottubru 2014 l-attriċi tħallset is-somma ta' €22.23 fil-ġimgħa għal kull wieħed minnhom;

b. <u>*L-Affidavit ta' K L bħala l-ġara tal-attur*</u>,[19] debitament maħluf nhar l-4 ta' Mejju 2015 u ppreżentat quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Mejju 2015, fejn tispjega li ilha ġara tal-attur għal numru ta' snin u hija konsapevoli li qiegħed irabbi lill-uliedu E, F u C waħdu, tant li tgħid li omm it-tfal ma tafhiex u qatt ma ratha. K L tgħid illi ħafna mid-drabi tara lill-attur ħiereġ bit-tfal filgħodu sabiex iwassalhom l-iskola, fejn ikunu ndaf u lebsin tajjeb. B'hekk tgħid ukoll li t-tfal jidhru li jinsabu kkurati tajjeb ħafna, hekk kif mhux l-ewwel darba li rat lill-attur dieħel id-dar b'kull xirja liema bħalha. Il-ġara tgħid ukoll illi hija għandha l-wens bit-tfal tal-attur, u mhux l-ewwel darba li marret għandhom sabiex issajrilhom xi ħelu li jħobbu. Tikkonferma li d-dar tagħhom dejjem nadifa hekk kif l-attur dejjem jaħsel, u kif ukoll li l-attur qatt ma ħalla lill-uliedu waħedhom id-dar, u jekk ma jkunux l-iskola, it-tfal dejjem miegħu. Tispjega ukoll illi t-tfal huma kwieti mmens u fit-triq kullħadd iħobbhom immensament. Finalment tispiċċa l-affidavit tagħha illi *"Ghalhekk nista nghid li A jiehu hsieb lit-tfal tieghu b'mod tajjeb hafna.*

[17] Fol. 27.
[18] Fol. 30.
[19] Fol. 32.

*Dan jidher hafna minn kif igibu ruhhom it-tfal li l-hin kollu bit-tbissima fuq wicchom"*;

c. *L-Affidavit ta' M N bħala l-ġara tal-attur*,[20] debitament maħluf nhar il-5 ta' Mejju 2015 u ppreżentat quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Mejju 2015, li tikkonferma li l-attur għandu tlett (3) itfal u jrabbihom waħdu, hekk kif tgħid li omm il-minuri ma tafhiex u qatt ma ratha. Tispjega li fix-xitwa ma tantx tarahom, ħlief għal ħin meta l-attur jkun ser jieħu lill-uliedu l-iskola. Min-naħa l-oħra fis-sajf l-attur joħroġhom ħafna, speċjalment il-baħar u t-tfal jħobbu ukoll jilgħabu fuq il-bejt, ħlief għal dawk id-drabi li filgħaxija joħorġu barra ħdejn il-ġirien. Rigward il-*benessere* tat-tfal M N tgħid illi tara kemm-il darba lill-attur jaħsel l-art u ħwejjeġ, u t-tfal iżommhom nodfa. Skontha *"It-tfal jidher li m'huma neqsin minn xejn. Infatti gieli rajtu diehel b'kull xirja ta' ikel u laħam liema bħalha. Naf li jagħmel kollox waħdu. Kemm ilu joqgħod hemm qatt ma naf li rajt mara dieħla d-dar tiegħu"*;

d. *L-affidavit ta' O N bħala l-ġar tal-attur*,[21] debitament maħluf nhar il-5 ta' Mejju 2015 u ppreżentat quddiem l-Assistant Ġudizzjarju nhar is-6 ta' Mejju 2015, fejn jikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' martu M Zamit. Barra minn hekk iżid illi *"lil A nafu bhala ragel sewwa hafna. Jidher tassew ragel bil-ghaqal li l-prijorita' tieghu f'hajtu tidher it-trobbija ta' wliedu. Naf li ghandu tlett itfal E, F u C u naf li qieghed ikabbarhom waħdu fis-sens li naf li omm it-tfal ma tghix maghho. Dan ilhom jaghmluh zgur ghal dawn l-ahhar tlett snin. Li nixtieq nghid ukoll huwa li qatt ma naf li xi hadd mill-girien kellu xi problema ma' A jew mat-tfal tieghu"*;

e. *L-Affidavit ta' PQ bħala l-ħabib tal-attur*,[22] debitament maħluf nhar il-5 ta' Mejju 2015 u ppreżentat nhar is-6 ta' Mejju 2015, fejn jikkonferma li ilu jaf lill-attur għal sbatax-il (17) sena, u b'hekk apparti li jaf sew lill-attur huwa jaf ukoll lill-konvenuta. Jispjega li huwa jaf lill-attur bħala raġel kwiet ħafna, fejn hu u martu kienu jiltaqgħu ħafna mal-attur u l-konvenuta bil-familji rispettivi tagħhom. Jingħad illi l-attur għandu l-ħila jagħmel kollox u barra li jaħdem fuq madum, elettriku, tikhil u tibjid, matul dawn l-aħħar snin huwa kien dedikat totalment għall-familja, fejn kull lira li kien jaqla' kien jonfoqha għal uliedu. L-attur ġie deskritt li *"minn dejjem kien ragel li jiehu hsieb*

[20] Fol. 33.
[21] Fol. 34.
[22] Fol. 35.

*hafna lit-tfal. Huwa dedikat hafna"*, fejn ix-xhud minn dejjem jafu jwassal u jiġbor lit-tfal tiegħu mill-iskola, isajjar id-dar u joħroġ lit-tfal.

Magħdud mal-premess, ix-xhud jisħaq illi huwa qrib ħafna l-attur, u b'hekk mhux l-ewwel darba li fetaħ qalbu miegħu meta bdew jinqalawlu problemi mal-konvenuta. Jingħad illi l-inkwiet beda qisu l-aħħar xahrejn meta kienu marru jgħixu Ħ'Attard, hekk kif il-konvenuta bdiet iġġib ruħha b'mod stramb fejn ma kienetx tkun trid toħroġ miegħu u t-tfal, u fil-fatt kienu ħafna dawk id-drabi fejn l-attur kien imur waħdu bit-tfal fejn il-familja tax-xhud. Jispjega ukoll li l-attur kien ġie arretstat nhar id-9 ta' Ġunju 2011 wara li l-konvenuta kienet ghamlet rapport li l-attur ma kienx qiegħed Malta b'mod regolari u wara tali arrest, il-konvenuta kienet ħadet it-tfal magħha. Hu flimkien ma' ħabib ieħor tagħhom, R S kienu ta' għajnuna kbira għall-attur matul dak ix-xahar u nofs li dam arrestat.

Jiġi kkonfermat li t-tfal qegħdin jgħixu mal-attur u dan b'mod kontinwu mit-8 ta' April 2012, fejn it-tfal jinsabu ferħanin u dan jidher ċar mill-mod if iġibu ruħhom. Ix-xhud jikkonferma li l-attur jieħu ħsieb il-faċendi tad-dar kollha hu flimkien mal-ħasil tal-ħwejjeġ, u li *"A jiehu hsieb il-kura kollha taghhom u dejjem jigri 'hemm u l'hawn bihom. Qatt ma nara lil A wahdu hlief meta t-tfal ikunu l-iskola. Filghaxijiet qatt ma jigi hdejna jekk inkunu f'xi post wahedna minghajr il-familji taghna. Jigi biss f'postijiet ta' rikreazzjoni adattati ghat-tfal. Niltaqghu hafna drabi Bahar ic-Caghaq fejn naghmlu BBQs fejn il-bahar u dawn naghmluhom Sajf u Xitwa"*. It-tfal tal-attur jiffrekwentaw l-istess *scouts* grupp bħat-tfal tax-xhud, u jingħad illi meta wieħed isir jaf lit-tfal tal-attur, wieħed dlonk jinduna li t-tfal huma tassew kwieti, jġibu ruħhom sew u *"li huma qieghdin jghixu f'ambjent ta' imhabba u li ma jonqoshom xejn minkejja l-fatt li huma neqsin mill-prezenza mportanti ta' ommhom"*. Finalment l-attur jiġi deskritt bħala raġel tal-familja u tassew jaf jieħu ħsieb lill-uliedu, fejn *"jaf jaghmilha ta' missier u omm f'daqqa u naf fic-cert li wliedu mieghu ma jonqoshom xejn"*;

f. <u>*L-Affidavit ta' R S bħala l-ħabib tal-attur*</u>,[23] debitament maħluf nhar il-5 ta' Mejju 2015 u ppreżentat nhar is-6 ta' Mejju 2015, fejn jikkonferma li ilu jaf lill-attur għal sittax-il (16) sena, u b'hekk jiftakar lill-attur fil-bidu tar-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta. Ix-xhud jikkonferma li l-attur dejjem jafu bħala persuna kwieta ħafna, u wara li kellu t-tfal huwa minn dejjem kien bħala raġel tal-famija. Huwa dejjem jaf lill-attur jiġri bit-tfal miegħu. Jingħad illi l-inkwiet bejn il-partijiet beda dak iż-żmien meta l-partijiet

[23] Fol. 38.

marru jirrisjedu ġewwa Ħ'Attard, liema fond kien inxtara mill-attur iżda fuq isem il-konvenuta. Konsegwentament jingħad li l-konvenuta bdiet taqla' l-inkwiet bejniethom, u tirrifjuta li toħroġ miegħu u t-tfal. Ix-xhud jikkonferma li l-inkwiet kompla kiber meta l-attur induna li l-konvenuta kienet qiegħda tqatta' ħin twil f'*chatting rooms* tiċċetja mal-irġiel, u kien saħansitra qabbad lil xi ħadd biex jiċċekjalu l-*computer* sabiex jara ma min kienet qiegħda titkellem martu, u kien proprju hemmhekk li l-konvenuta ddeċediet li titlaq mid-dar u tħalli lill-uliedha warajha. Jispjega ukoll li l-attur kien ġie arrestat nhar id-9 ta' Ġunju 2011 wara li l-konvenuta kienet għamlet rapport li l-attur ma kienx qiegħed Malta b'mod regolari u wara tali arrest, il-konvenuta kienet ħadet it-tfal magħha. Jisħaq illi huwa kien għin ħafna lill-attur matul dak ix-xahar u nofs li dam arrestat.

Jiġi kkonfermat li minn wara r-rilaxx tiegħu, huwa dejjem kien jiġri bit-tfal. Wara tali episodju, ix-xhud jisħaq li rrealizza kemm kienet inbidlet il-konvenuta hekk kif darba minnhom hija qabdet tgħajjar anke lilu u qaltlu li trid tpattiha lill-ħbieb kollha ta' A u dan quddiem l-Ispettur Nezren Grixti. Konsegwentament jingħad li wara ftit xhur, l-attur beda jkun inkwetat ferm għaliex it-tfal kienu qalulu li ommhom kienet qiegħda ssawwathom u ssakkarhom ġo karma waqt li ddaħħal l-irġiel id-dar. Għalhekk it-tfal bdew jgħixu mill-ġdid ma' missierhom f'April 2012. Jingħad li l-attur jgħix waħdu ma' uliedu ġewwa l-Ħamrun, u t-tfal jinsabu kuntenti ħafna. Ix-xhud jikkonferma li l-attur iżomm id-dar nadifa tazza, għax jieħu ħsieb il-faċendi u l-ħwejjeġ kollha hu, kif ukoll li *"A jiehu hsieb ill-kura kollha ta' wliedu u dejjem jigri l'hemm u l'hawn bihom Qatt ma nara lil A wahdu hlief meta t-tfal ikunu l-iskola. Iwassal u jigbor it-tfal mill-iskola u dan kien dejjem jaghmlu anke meta kien ghadu ma' C. Naf li jiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tfal kollha hu. Minn dejjem kien A li ha hsieb jixtri l-kotba tal-iskola ta' wliedu. Minn dejjem kien A li gera ghand it-tobba b'uliedu. Fi ftit kliem il-kura ta E, F u C minn dejjem kienet il-parti krucjali tal-hajja ta' A".* Kien hemm ukoll drbai fejn l-attur ma setgħax ileħħaq mal-ispejjeż, u kien għalhekk li qal lil familjari tiegħu ġewwa s-Sirja sabiex ibiegħu l-proprjeta' li kellu hemmhekk. Barra minn hekk, kien hemm drbai oħra fejn ingħata xi għajnuna finanzjarja mill-Moskea;

g. <u>*L-Affidavit ta' T U bħala l-ġar tal-attur,*</u>[24] debitament maħluf nhar id-9 ta' Ġunju 2015 u ppreżentat nhar is-16 ta' Ġunju 2015, li jikkonferma li jaf lill-attur bħala *"raġel sew ħafna li tista' tghid jghix ghal uliedu. Ghandu tfal kwieti hafna u n-nies tat-triq taghna kollha jhobbuhom ferm"*. Ix-xhud

[24] Fol. 70.

jikkonferma li t-tfal dejjem ma' missierhom, u li jarahom iktar ta' sikwit fis-sajf, fejn mhux l-ewwel darba li jkollu xi ġugarelli u għaddihom lit-tfal biex jilgħabu bihom. Jikkonferma ukoll li l-attur joħodhom ħafna l-baħar fix-xhur tas-sajf. Madanakollu fix-xitwa ma tantx jarahom, u kull sena fil-Milied jieħu lit-0tfal għall-festin tal-Istitut tas-Sorijiet Fra Diegu fil-Ħamrun. Jgħid li *"A huwa missier tassew delikat. It-tfal dejjem rajthom nodfa u mizmumin tajjeb. A dejjem tarah ghaddej jahsel u jonxor. Ikollu diga' naxra hwejjeg fuq il-bejt qabel ma jwassal it-tfal l-iskola. Li nista' nghid ukoll huwa li kemm ilu joqghod hdejjam A qatt ma rajtu jdahhal mara d-dar. U qieghed nghid dan mhux ghax hija xi haga hazina li jkollu relazzjoni, izda biex nemfasizza l-fatt li A qisu nesa lilu nnifsu biex irabbi l-uliedu. Jghix prattikament ghalihom"*. Magħdud ma' dan, ix-xhud jikkontendi li huwa jaħdem maċ-Ċetru Ħidma Soċjali u jaf x'għandu jagħmel f'każ li jara xi ħaġa ħażina speċjalment meta si tratta t-tfal;

h. *Ix-xhieda ta' Imam VW* fejn jikkonferma li ilu jaf lill-attur għal aktar minn ħmistax-il (15) sena, għaliex kien jmur għandu ġewwa l-Moskea flimkien mal-konvenuta u t-tfal. Madanakollu jikkonferma li ilu ma jara lill-konvenuta, u li t-tfal jgħixu mal-attur stante li l-konvenuta abbandunat lill-uliedha. Ix-xhud jgħid li jara lit-tfal kuljum l-iskola, u kif ukoll li l-attur jipprova jaħdem meta jkun jista' għaliex biex joqgħod mat-tfal huwa jispiċċa biex ma jaħdimx. Ix-xhud jikkonferma li jipprova jgħin lill-attur u t-tfal billi jsib lil min iħalsilhom il-miżata tal-iskola. Jisħaq ukoll li l-attur jipprova jagħmel ħiltu sabiex jagħti lill-uliedu ħajja tajba u jagħmel minn kollox biex jieħu ħsiebhom. In kontro-eżami, ix-xhud jikkonferma li sar jaf lill-attriċi fl-istess żmien li sar jaf lill-attur, u li l-partijiet kienu jmorru flimkien għandu meta kien ikollhom il-problemi. Jikkonferma li meta l-partijiet kienu għadhom flimkien, kienet il-konvenuta li kienet tieħu ħsieb lill-ulied, u l-attur qatt ma qal li l-konvenuta ma kienetx tieħu ħsiebhom jew li taħqar lit-tfal;

i. *L-Affidavit ta' X Y bħala Assistant Kap ġewwa l-iskola M Al Batool Kordin,*[25] debitament maħluf is-7 ta' Ottubru 2015 u ppreżentat nhar il-15 ta' Diċembru 2015, fejn jikkonferma li ilu jaf lill-attur minn kemm ilu jaħdem fl-imsemmija skola u jafu bħala missier it-tfal E, F u C B, liema tfal huma kwieti ħafna, b'imġieba tajba u pożittiva, filwaqt li jattendu skola regolarment u ddixxiplinati mmens. Dwar il-ħajja personali tagħhom, huwa jikkontendi li ma jafx wisq, iżda sa fejn jaf hu, il-minuri jgħixu flimkien ma' missierhom – li dejjem ħa ħsieb li jibgħathom l-iskola nodfa u jara li sa fejn

[25] Fol. 98.

hu possibbli jagħmlu x-xogħol mogħti lilhom mill-għalliema tal-iskola. Magħdud ma' dan jiġi ukoll ikkonfermat illi għal-laqgħat tal-iskola mal-għalliema, huwa dejjem il-missier li jattendi u lill-omm qatt ma raha l-iskola, u qas qatt ma marret l-iskola u staqsiet dwarhom. Anke' meta t-tfal kienu jkunu ma jifilħux, bħala skola huma dejjem ikkuntatjaw lill-missier u dan għaliex in-numru tiegħu biss għandhom. Għalhekk ix-xhud jispiċċa billi jgħid illi *"fil-limitazzjonijiet tieghu, il-missier jara li t-tfal ma jonqoshom xejn. Huwa l-missier li dejjem ha hsieb iwassal u jiehu lit-tfal mill-iskola sad-dar u mid-dar sal-iskola"*;

j. *L-Affidavit ta' KB bħala l-Kap tal-iSkola M Al Batool ġewwa Kordin,*[26] debitament maħluf nhar is-7 ta' Ottubru 2015 u ppreżentat nhar il-15 ta' Diċembru 2015, fejn jikkonferma illi jaf lill-attur bħala missier E, F u C B li ilhom jattendu l-iskola sa minn meta kienu għadhom żgħar. Huwa jisħaq li ma jafx isq dwar il-ħajja personali ta' dawn it-tfal iżda sa fejn jaf hu, dawn it-tfal jgħixu ma' missierhom il-Ħamrun. L-imġieba tagħhom hija tajba u t-tfal juru rispett sħiħ lejn l-għalliema u l-amministrazzjoni tal-iskola. Min-naħa l-oħra, jikkonferma ukoll li l-missier iżomm kuntatt regolari mal-iskola u ta' sikwit isaqsi dwar il-progress tagħhom. Ma jiftakarx li qatt iltaqa' mal-konvenuta, jew li qatt ġiet tkellem lil xi ħadd. Barra minn hekk, f'każ li t-tfal ikunu ma jifilħux l-iskola tikkuntatja lill-missier għax tiegħu huwa l-unika numru li għandhom fis-sistema'. Finalment, jiġi konkluż illi *"fil-limitazzjonijiet tieghu, il-missier li jrid ilahhaq mall-fatt li jrid jiehu hsieb it-tlett uliedu u fl-istess hin jsostni lill-familja finanzjarjament, huwa dejjem ha hsieb uliedu u nfatti mhux l-ewwel darba li jigi jistaqsi fuq kif inhuma sejrin fl-iskola"*;

k. *Kopja ta' tlett rapporti li saru mill-attur:*

i. Rapport datat 7 ta' Settembru 2015,[27] fejn stqarr illi l-konvenuta ma vversatx manteniment għal uliedhom skont id-digriet tal-Qorti minn Mejju 2015 sa Lulju 2015;

ii. Rapport datat 9 ta' Ottubru 2015,[28] fejn stqarr illi l-konvenuta ma vversatx manteniment għal uliedhom skont id-digriet tal-Qorti għax-xahar ta' Settembru 2015;

[26] Fol. 99.
[27] Fol. 100.
[28] Fol. 103.

iii. Rapport datat 16 ta' Ottubru 2015,[29] fejn stqarr illi l-konvenuta a vversatx manteniment għal uliedhom skont id-digriet tal-Qorti għax-xahar ta' Awwissu 2015;

*Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mresqa Minnha:*

Fl-affidavit tagħha,[30] il-konvenuta tispjega illi kellha relazzjoni mal-attur u kienu żżewġu biss bir-rit Musulman. In vista li l-affarijiet bejniethom kienu sejrin tajjeb, il-konvenuta tikkontendi li rat idoneju li tieħu *loan* mill-bank kif tixtri post, ma' liema idea l-attur kien qabel. Għaldaqstant kienet xtrat fond ġewwa Ħ'Attard fi stat ta' ġebel u saqaf, liema fond kellu jservi sabiex fih huma jgħamru bħala familja. Max-xiri tal-post, il-konvenuta tgħid li bdiet tinduna li l-familjari tal-attur bdew iċemplu iktar mis-soltu u barra minn hekk l-attur ma kienx jaħsibha darbtejn sabiex il-flus li kellhom allokati biex jirranġaw il-post, jieħu u jonfoq minnhom għal familjari tiegħu inkluż biex ommu tagħmel operazzjoni ġewwa Malta. Minħabba f'hekk, jingħad li l-partijiet kienu ġġieldu sew, tant li l-konvenuta sfat vittma ta' vjolenza fiżika. Fil-fatt il-konvenuta tgħid li maż-żmien is-swat da parti l-attur bħala mezz biex jintimida lill-konvenuta kien beda jsir iktar frekwenti. Barra minn hekk, il-konvenuta tisħaq illi minħabba l-familja tiegħu, huma ta' spiss kienu jispiċċaw jiċċaħdu minn affarijiet bażiċi tal-ikel. Kellha ukoll tmur is-Sirja ma' omm l-attur għal xi żmien, fejn il-konvenuta tgħid li ma kienetx tħossha milqugħa minnhom, filwaqt li mar-ritorn tagħha lura Malta kellha toffri saqaf lil tnejn minn ħut l-attur illi ġew Malta biex jgħixu u jaħdmu.

In vista tas-suespost, il-konvenuta tgħid li l-flus kollha tagħhom kienu marru għal bżonnijiet tal-familja tal-attur. B'hekk, huma qatt ma kieu f'pożizzjoni li jlestu l-post ta' Ħ'Attard, iżda minkejja li dan kien ftit abitabbli, huma xorta waħda marru jgħixu fih. Il-konvenuta tikkontendi li huma ma kienux qegħdin jgħixu ħajja diċenti, u mnalla kien misier il-konvenuta li jagħtihom għajnuna finanzjarja għaliex altrimenti ma kienux ikampaw. Skont il-konvenuta l-ġlied kompla jippersisti u anke s-swat, fejn darba fost l-oħrajn l-attur daħħalha f'rasu illi l-konvenuta kienet toqgħod titkellem ma' rġiel oħra fuq l-internet, u l-konvenuta f'dan ir-rigward tisħaq illi *"jien vera ġieli kont noqghod fuq il-*computer *imma dan kien sforz tad-dwejjaq li kelli ghax lili kien ihallini wahdi u ma jaghtix kasi"*.[31] Il-konvenuta ssemmi episodju ieħor, li kien wassalha sabiex titlaq mid-dar tagħhom, fejn wara telefonata ta' oħt l-attur, il-konvenuta kienet saħqet mal-attur li familtu kienu jċemplu biss biex jibgħatulhom il-flus u mhux tal-inqas biex

[29] Fol. 106.
[30] Fol. 211.
[31] Fol. 215.

jaraw kif inhuma u l-attur għal tali kliem kien ser jgħolli jdejh fuqha, iżda mar iwaqqfu binha l-kbir. Minħabba dan l-episodju, il-konvenuta tisħaq illi telqet b'ta' fuqha senduqa mid-dar flimkien mat-tfal il-kbar, iżda ma setgħatx tieħu magħha lil uliedha żgħar għaliex l-attur ipprekludiha milli tagħmel hekk.

Il-konvenuta tikkonferma li għamlet rapport lill-Pulizija dwar l-attur li qiegħed jirrisjedi Malta illegalment, fejn huwa spiċċa arrestat u l-konvenuta daħlet lura f'darha flimkien ma' uliedha. Tispjega illi meta ma baqgħax arrestat, l-attur kien imur jara lit-tfal x'ħin ifettilu, iżda dejjem kien jispiċċa jgħajjarha u joffendiha quddiem it-tfal. Il-konvenuta tgħid li qatt ma ċaħdet lill-attur milli jara lil uliedu, iżda bdiet tosserva li beda jdaħħal f'ras it-tfal u jġielgħhom jemmnu li kienet qiegħda ddaħħal l-irġiel id-dar. Hija tiċħad li dan huwa minnu, għaliex b'ħamest itfal magħha hija kienet tkun dejjem okkupata u tgħid li ma kellhiex ħin għaliha nnifisha. Tisħaq li l-aħħar darba li rat lit-tfal kien meta F kienet qalet lil missierha li rat lil ommha bi flixkun inbid f'idejha d-dar. Dakinhar, jingħad li l-attur kien mar għand l-attriċi fejn beda jgħajjat u sabbat, filwaqt li talabha l-ħwejjeġ tat-tfal biex joħodhom miegħu. Il-konvenuta tgħid li kienet tibża' ferm mill-attur, u kienet konsapevoli li l-attur kien kapaċi jweġġa' lill-uliedha s-subien il-kbar, b'hekk għamlet li talabha. Tisħaq illi hi kienet dejjem issaqsih biex titkellem u tara lit-tfal iżda hu ma kienx iħalliha u jheddidha.

Finalment, il-konvenuta tispiċċa tgħid illi *"minhabba t-theddid tieghu kont nibza infittex l-ghajnuna u ghalhekk dejjem qadt lura. Jien jiddispjacini hafna li ha t-tlett itfal gheziez mid-dar u cahhadni minnhom, dan certament ma kienx fl-ahjar interess tat-tfal li jitrabbew minghajr ommhom. Jien dejjem bzajt hafna niehu passi nirrikorri ghal-ghajnuna ghax kont naf li kapaci jasal jaghmel il-hsara lili jew lil uliedi l-ohra. Lit-tfall-ohra u cioe z-zewg subien tieghi dejjem rabbejthom tajjeb u qatt ma nqasthom minn xejn, fil-fatt huma ghadhom jghixu mieghi sal-lum il-gurnata".*[32] Magħdud ma' dan u fir-rigward tax-xhieda li ressaq l-attur, il-konvenuta tisħaq illi *"dawn ma ghandhomx idea ta' dak li kien jigri id-dar meta konna ghadna nghixu flimkien, ma ghandhomx idea tas-swat li kien itini u tat-theddid kollu li jien ghaddejt minnu u l-hsara psikoloġika li kkawzali".*[33]

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, il-konvenuta resqet is-segwenti provi:

a. <u>*Ix-Xhieda ta' Z I li għandu tnejn u għoxrin (22) sena u jiġi iben il-konvenuta*</u>,[34] li jiddikjara li għandu relazzjoni tajba ħafna ma' ommu għaliex

[32] Fol. 217.
[33] *Ibid.*
[34] Fol. 198.

hija lesta li tagħmel kollox għalih u għal ħuh Z1 D. B'referenza partikolari għal meta kien għadu żgħir, huwa jispjega li għandu memorji koroh fejn jiftakar lil ommu tiġi msawta minn Abdul b'mod regolari, anki saħasitra bil-bokla ta' ċintorin. Ix-xhud jgħid li hu u ħuh Z1 ma setgħu jagħmlu xejn fis-sitwazzjoni għaliex kienu jafu li kienu ser jaqalwha huma wkoll. Barra minn hekk kienu jkunu mċaħda mill-ikel, sabiex ikun jista' jibgħat il-flus lil ommu u ħutu ġewwa s-Sirja. Ix-xhud jispjega l-aħħar episodju fejn ommu ġiet imsawta ħafna, tant li ddeċediet li taqbad il-ħwejjeġ li kellha u flimkien max-xhud u binha l-ieħor Z1 huma telqu mid-dar b'tal-linja biex imorru għand in-nanna materna tagħhom sabiex tagħtihom saqaf fuq rashom u tgħinhom tenut kont taċ-ċirkostanzi li kienu fihom, u għadhom jgħixu magħha sal-preżent.

Magħdud mal-premess ix-xhud jispjega ukoll l-attur kien raġel bla rispett fil-konfront tiegħu u ħuh Z1, għaliex huma ma kienux it-tfal tiegħu u l-attur kien jagħmel minn kollox biex uliedu ma kienux jitħaltu max-xhud u Z1, fejn l-attur u uliedu kien joqgħodu għalihom filwaqt li l-konvenuta kienet toqgħod max-xhud u binha l-ieħor Z1. Madanakollu jisħaq li ommu kienet tagħti lil ħutu E, F u C l-istess imħabba *"ghax ahna kollha taghha u taghmel minn kollox ghalina"*.[35] Jiddeskrivi lil ommu bħala persuna li dejjem kienet *"ticcahhad minn xi haga hi kif ghadni nibda; ticcahhad minn xi haga hi biex ahna nkunu tajjeb. Ticcahhad jigifieri tigrilek bil-flipflop u ahna nilbsu zarbun. Tilbislek pyjama u ahna nilbsu l-hwejjeg. Dejjem tipprova ittina l-ahjar. Kif hija suppost omm"*.[36] Jisħaq li minħabba l-attur u s-swat, huma għaddew minn trawma;

b. <u>*Ix-xhieda ta' Z1 D li għandu ħamsa u għoxrin (25) sena u li jiġi iben il-konvenuta*</u>,[37] fejn jispjega li r-relazzjoni tiegħu ma' ommu hija waħda tajba ħafna, *"l-aqwa ħbieb, minghajr ommi jiena ma jiena xejn. (...) Dejjem habbitni, dejjem tatni li ridt. Qatt ma naqsitni minn xejn"*.[38] Fir-rigward tal-attur, ix-xhud jgħid illi għall-ewwel sena kien raġel normali, imma konsegwentament beda s-swat fuq ommu, fuqu u ħutu, li in vista li kienu jissawtu b'mod frekwenti kellhom jaħarbu mid-dar. Jispjega illi ommu ma kienetx toħroġ miegħu u sħabu, *"mhux ovvja jekk in-nisa kollha Għarab u lanqas jgħidu kelma magħha qisha ħuta barra mill-ilma! Konna nkunu hemmhekk ahna; lanqas it-tfal taghhom lilna ma kienu jkellmu; ahseb u ara lil ommi! Dawn in-nisa barranin, hadd ma kien ikellimha. Ommi bilqieghda*

[35] Fol. 205.
[36] Fol. 206.
[37] Fol. 231.
[38] *Ibid*, fol. 232.

*hemm kwieta, xi tridha tigi taghmel? Xi tridha tigi taghmel?"*.[39] Ma' ħutu l-oħra jgħid li kien imur tajjeb magħhom u li jħobbhom.

Fi żmien li l-familja marret tgħix Ħ'Attard mill-Ħamrun, ix-xhud jgħid li kellu madwar ħmistax (15) jew sittax (16)-il sena, u dak iż-żmien hu beda jdaħħal lil sħabu d-dar, u jisħaq li l-irġiel li għalihom referenza l-attur u uliedu huma proprju sħabu. Jisħaq illi ommu qatt ma kellha raġel, la *"kienet helset minn wiehed ma nahsibx li kellha terga' tghaddu minn dak iz-zminijiet. (...) Qatt ma provat tfittex lil hadd; qatt ma provat tfittex lil hadd. L-irgiel li kien ikun hemm id-dar huma shabi"*.[40] Magħdud ma' dan, ix-xhud jgħid ukoll illi meta kien hemm il-problemi, *"immorru l-Ghassa u l-Pulizija jerga' jehodna d-dar. Ma kien jigri xejn. Kienet taghmel rapporti ommi, kif jerga' jigi terga'tmur l-Ghassa, terga' tmur l-Ghassa ghal xejn ma kien jigri xejn. Xejn ma kien jigri. Ġieli rqadna f'kaxxa ta' jien u hija biex ma noqghodux!"*;[41]

c. *<u>Ix-xhieda ta' Z2 sive Z2 D li jiġi missier il-konvenuta</u>*,[42] li jikkonferma li għall-ewwel kien *'all right'* imma mbagħad bdew jinqalaw il-problemi hekk kif skontu ġara xi ħaġa fejn ma bediex imur jaħdem, tant li l-pagamenti tal-*loan* kien iħallashom ix-xhud u anke' biex jieklu kien jagħtihom il-flus. Jisħaq li bintu kienet tgħidlu li biss li ma kellhomx flus, u sar jaf li kien jerfa' jdejh fuqhom f'dawn il-mumenti u mhux qabel. Fir-rigward ta' bintu u uliedha s-subien li jgħixu magħha, ix-xhud jgħid illi bintu nadifa u fid-dar *"there is happiness. Jiccajtaw ma' xulxin, jaqbdu ma' xulxin qishom tlett it-tfal! Jekk wiehed minnhom jimxi naqa wrong tigbidielu to put him on straight. Iz-zewg subien b'girlfriends ihobbuhom, and I've see it through my own eyes jigifieri; li they respect them"*.[43]

d. *<u>Il-Kontro-eżami ta' R S</u>*,[44] fejn isostni li l-konvenuta ma kienetx toħroġ mal-attur u uliedhom għax trid hi u mhux għax ma kienx iħalliha l-attur. Jgħid ukoll li sar jaf bil-problemi bejniethom, u kif ukoll li kienet tiċċetja mal-irġiel għaliex kienu nfurmawh l-attur u uliedu l-bniet li dik il-ħabta kellhom madwar għaxar (10) snin. Jispjega li dakinhar meta l-attur ġie arrestat, huwa kien mar għand il-konvenuta jgħidilha biex jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom iżda ma riditx taf. Jiċċara ukoll illi huwa ma kienx ikun preżenti

---

[39] Fol. 234 – 235.
[40] Fol. 236.
[41] Fol. 236.
[42] Fol. 238.
[43] Fol. 243.
[44] Fol. 218.

d-dar tal-attur u l-konvenuta, iżda kienu t-tfal tagħhom li qalulu li ommhom kienet issawwathom u sakkarhom f'kamra meta jkun hemm xi ħadd għandhom. Jikkonferma li l-attur ġieli qallu li kienu jiġġieldu hu u l-konvenuta, iżda ma jafx dwar istanzi fejn kien hemm swat. Fir-rigward ta' flus, ix-xhud jikkonferma li l-attur kien jixtri l-affarijiet għat-tfal għax kienu jmorru jixtru flimkien, barra minn hekk meta kien għadu f'relazzjoni mal-konvenuta, l-attur kien jaħdem fix-xogħol ta' ilma, dawl u kisi. Iżda meta ħa t-tfal taħt idejh, huwa ma setgħax jaħdem għaliex anke t-tifel iż-żgħir kien għadu tarbija, u jikkonferma li ma kienx ileħħaq mal-ispejjeż, tant li x-xhud kien jgħinu finanzjarjament. Jispjega ukoll li hija użanza tagħhom illi jibgħatu l-flus lill-familjari tagħhom u li sakemm damet Malta omm l-attur, kien l-attur li ħallas kollox;

e. <u>*Il-kontro-eżami tal-attur*</u>,[45] fejn jikonferma li l-problemi bdew mat-twelid tat-tifel. Jinnega illi missier il-konvenuta kien qatt għinhom finanzjarjament sabiex jitħalsu l-pagamenti tal-*loan* fuq id-dar f'Ħ'Attard, iżda jikkonferma li għamlu żmien jgħixu miegħu. Jikkonferma li kien jibgħat xi ħaġa tal-flus lil familtu s-Sirja għaliex hekk huwa mdorri li jgħin lil familtu. Ix-xhud jiċħad li qatt sawwat lill-konvenuta. Magħdud ma' dan, ix-xhud jikkonferma li kien ġie arrestat, u wara r-rilaxx tiegħu kien imur jara lit-tfal, johdilhom il-flus u l-affarijiet li jixtrilhom. Konsegwentament ix-xhud jgħid li dakinhar li ħa t-tfal, il-konvenuta kienet ħalliet lit-tfal waħedhom biex toħroġ filgħaxija, f'temp ikrah kollu xita u beraq, u dan jafu mhux għax qatt sakkret lit-tfal quddiemu, iżda għax qalulu b'dan uliedu stess. Dan għamlu u wara mar jirraporta l-Għassa tal-Pulizija. Jispjega li hu qatt ma ċaħħad lil uliedu minn ommhom, iżda huma t-tfal stess li ma jridux affari ma' ommhom.

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-<u>kura u kustodja</u>, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[46] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif*

[45] Fol. 277.
[46] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[47] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[48] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[49] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[50] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[51] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-*

[47]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[48]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[49]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[50]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[51]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>*manteniment*</u>, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-*

*salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-*setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra*, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversament preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti Paul O Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward*

*"a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***"Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive***

***BC vs D sive EC** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll **O Micallef vs Lesya Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Għandu jiġi sottolinejat illi minn din ir-relazzjoni l-partijiet kellhom tlett (3) itfal, u ċjoe' E B mwielda fis-26 ta' April 2001, F B imwielda l-4 ta' April 2003 u C B imwieled fit-28 ta' Lulju 2009. Dan ifisser illi fil-preżent: (i) E B għandha wieħed u għoxrin (21) sena, hija maġġorenni, u mill-atti jirriżulta li kellha tlesti l-kors ta' studju ġewwa l-MCAST fis-sena 2021, (ii) F B għandha dsatax-il (19) sena, hija maġġorenni, u mill-atti jirriżulta li kellha tlesti l-kors ta' studju ġewwa l-MCAST fis-sena 2021, u (iii) C B għandu tnax-il (12) sena, għadu minorenni u student.

Fid-dawl ta' dan jirriżulta illi ma hemmx lok għal din il-Qorti illi tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-kura, kustodja u aċċess fir-rigward ta' E u F. Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll illi għalkemm l-attur jikkontendi illi *"E u F ghalkemm ghalqu t-tmintax il-sena xorta wahda ghadhom student f'edukazzoni terzjarja sal-eta' ta' 23 sena u ghadhom jircievu manteniment minghand ommhom kif japplika mil-Liġi"*,[52] il-Qorti tissottolineja illi mill-atti jirriżulta illi kemm E kif ukoll F kellhom jtemmu l-kors ta' studju tagħhom fl-2021 u b'hekk fin-nuqqas ta' prova ulterjuri illi l-aħwa in kwistjoni kellhom jirrepetu xi sena skolastika jew inkella bdew xi kors ta' studju ieħor, huwa inkonfutabbli għal din il-Qorti illi tqis ż-żewġt ibniet bħala maġġorenni u indipendenti. Għalhekk il-Qorti ma tarax lanqas lok illi tieħu konjizzjoni tal-manteniment fir-rigward ta' E u F, aħwa B.

B'hekk dak li għandu jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa l-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri C B, u l-konsiderazzjonijiet ser ikunu limitati għalih biss.

## i. Is-Sitwazzjoni *pendente lite* ta' Ulied il-Partijiet:

Is-sitwazzjoni ta' ulied il-partijiet matul il-proċeduri odjerni u dan fir-rigward ta' kura, kustodja, aċċess u manteniment, ġew regolati kronoloġikament kif imfisser hawn isfel:

[52] Fol. 304.

**a. L-Ewwel Rikors:**

***Rikors tal-konvenuta tas-16 ta' Marzu 2015,***[53] fejn talbet lill-Qorti sabiex: (i) tiffissa aċċess a favur l-esponenti, (ii) taħtar rappreżentant tal-Aġenzija Appoġġ sabiex jinvestiga l-każ, u (iii) taħtar *social worker* sabiex jistabbilixxi min għandu jkollu l-kura u l-kustodja tat-tfal u tirrelata x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri;

***Risposta tal-attur tas-27 ta' Marzu 2015,***[54] fejn oġġezzjona għat-talbiet kif dedotti iżda saħaq illi minnflok għandu jinħatar Avukat tat-Tfal;

***Digriet tal-Qorti datat 30 ta' Marzu 2015,***[55] fejn wara li rat l-atti in kwistjoni ħatret lil Dr Stephanie Galea bħala avukat tat-tfal biex wara li tkellem lill-minuri tirrapporta lill-Qorti dwar dawn it-talbiet, fid-dawl tar-risposta;

***Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea,*** ippreżentat nhar il-15 ta' Ġunju 2015,[56] fejn wara li ltaqgħat mal-ulied u tkellmet magħhom individwalment, hija rat illi:

*"jidher car li fiz-zmien li t-tfal kienu jirrisjedu ma' ommhom, huma ma kinux kuntenti. Fil-fatt meta gew mistoqsija jekk hux veru li ma' missierhom qeghdin jghixu "f'ambjent ta' biza' li fih huma qeghdin imwerwrin", skont kif allegat minn ommhom fir-rikors taghha tat-18 ta' Marzu 2015, huma qalu li kienu hekk ma' ommhom imma zgur mhux ma' missierhom.*

*Illi t-tfal irrakkontaw esperjenzi xejn sbieh li ghaddew minnhom meta kienu ma' ommhom, bhal li kien ikun hemm hafna rgiel ma' ommhom f'darhom, kienu jigu msakkra f'kamra ghal hinijiet twal, kienu jigu msawwta minn ommhomm, kienu kontinwament jisimghu kliem oxxen kontra n-nanniet taghhom Sirjani, kienu jitilfu skola ghal xejn u huma anke rcevew theddid minghand xi habib ta' ommhom li jekk jghidu lil missierhom x'kienet tagħmillhom ommhom huma kienu ser jispiccaw f'Istitut.*

*Illi t-tfal qalu li missierhom qatt ma jipprova jwaqqafhom milli jaraw lil ommhom. Imma tigi minnhom stess li huma mhux biss ma jridux jergghu imorru jghixu ma' ommhom imma lanqas biss iridu li jiltaqghu maghha".*

[53] Fol. 47.
[54] Fol. 50.
[55] Fol. 60.
[56] Fol. 63.

Għalhekk in vista tas-suespost, l-Avukat tat-Tfal ikkonkludiet illi *"wara li l-esponenti ezaminat ir-rikors ta' C D tat-18 ta' Marzu 2015, ir-risposta ta' A B tas-27 ta' Marzu 2015 u dokumenti relatati, u wara li kkunsidrat ix-xewqat u l-ahjar interessi tat-tfal, hija titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad l-ewwel talba ta' C D"*.

***Digriet tal-Qorti datat il-15 ta' Ġunju 2015***,[57] fejn wara li rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal il-Qorti għaddiet sabiex ċaħdet it-talbiet kollha tal-konvenuta;

**b. It-Tieni Rikors:**

***Rikors tal-attur datat 20 ta' Mejju 2015***,[58] fejn talab lill-Qorti: (i) tiddikjara li r-residenza tal-minuri E, F u C B hija r-residenza tar-rikorrenti, (ii) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti, (iii) Tordna li l-konvenuta tivversa r-retta alimentarja versu l-minuri wliedha E, F u C B, u (iv) Tordna li d-Direttur Ġenerali (Sigurta' Soċjali) jgħaddi c-Childrens Allowance inkluż dawk il-benefiċċji soċjali li jingħataw f'każijiet simili lir-rikorrenti għal uliedu E, F u C B inkluż dawk l-arretrati ta' tali benefiċċji;

***Risposta tal-konvenuta tal-4 ta' Ġunju 2015***,[59] fejn talbet lill-Qorti tiċħad it-talbiet kif dedotti;

***Digriet tal-Qorti tal-5 ta' Ġunju 2015***,[60] fejn il-Qorti rriżervat li tipprovdi wara li tkun eżaminat ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal ta' Dr Stephanie Galea;

***Digriet tal-Qorti tal-24 ta' Ġunju 2015***,[61] fejn wara li rat ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea tal-15 ta' Ġunju 2015, il-Qorti *"tilqa' t-talbiet kollha u tiffissa l-ammont li ghandha thallas C D bhala manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €450 fix-xahar"*;

**c. It-Tielet Rikors:**

[57] Fol. 66.
[58] Fol. 74.
[59] Fol. 78.
[60] Fol. 81.
[61] Fol. 83.

***Rikors tal-Konvenuta tad-29 ta' Settembru 2015***,[62] fejn talbet lill-Qorti sabiex: (i) tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tal-24 ta' Gunju 2015 inkwantu dan jirreferi ghall-manteniment likwidat u dana minhabba li l-ebda wiehed mill-partijiet ma ghamel sottomissjonijiet dwar id-dhul u l-bzonnijiet o meno, (ii) tahtar social worker sabiex tevalwa c-cirkostanzi u l-ambjent li fih qeghdin jitrabbew il-minuri, (iii) jenħtieġ ħatra ta' *child psychologist* sabiex tevalwa lil ulied, u jiġi stabbilit dawn jekk humiex qegħdin jigdbu dwar ommhom jew le; u tirrelata dwar l-access il-kura u kustodja u r-residenz tal-minuri, (iv) sussegwentament tordna lir-rikorrenti sabiex jippreżenta prospett ta' spejjeż u jiddikjara d-dħul tiegħu, (v) tillikwida manteniment adegwat li jirrifletti d-dħul u l-bżonnijiet tal-partijiet, u (vi) taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni tenut kont tal-istadju bikri u n-natura partikolari ta' dan il-każ;

***Risposta tal-Attur tat-23 ta' Novembru 2015***,[63] fejn talab lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kif dedotti;

***Digriet tal-Qorti ta' nhar l-24 ta' Novembru 2015***,[64] fejn *"tichad it-talbiet kollha ghar-ragunijiet fir-risposta izda tahtar lil Dr. Tanya Sammut Catania bhala avukat tat-tfal sabiex wara li tkellem lill-minuri, tirrelata dwar it-tielet talba fid-dawl tar-risposta"*;

***Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut Catania***,[65] ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2015, fejn wara li kellmet lit-tfal individwalment waslet għal konklużjoni illi *"it-talbiet illi jirrelataw għall-kura, kustodja u access kontenuti fir-rikors ta' C D ghandhom jigu michuda tenut kont tac-cirkostanzi serji tal-kaz"*;

***Digriet tal-Qorti ta' nhar it-22 ta' Diċembru 2015***,[66] fejn wara li l-Qorti rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Tania Sammut Catania tal-21 ta' Diċembru 2015, ċaħdet it-tielet talba;

## d. Ir-Raba' Rikors:

---

[62] Fol. 110.
[63] Fol. 118.
[64] Fol. 145.
[65] Dan id-digriet baqa' ssiġillat abbażi ta digriet tal-Qorti tat-22 ta' Diċembru 2015.
[66] Fol. 147.

***Rikors tal-konvenuta tal-15 ta' Ottubru 2020,***[67] fejn talbet lill-Qorti sabiex: (i) tvarja contrario imperio d-digriet tagħha tal-24 ta' Ġunju 2015 b'dana illi l-ammont ta' manteniment mensili li tħalla l-esponenti għandu jonqos stante li ma għadx hemm obbligu għal ħlas ta' manteniment fir-rigward tat-tifla E, u (ii) tordna u tistipula l-modalita' illi biha l-esponenti għandha teżerċita d-dritt tagħha ta' aċċess għal uliedha minuri F u C J B;

***Risposta tal-attur tas-26 ta' Ottubru 2020,***[68] fejn ġie rilevat illi E B qiegħda tattendi kord ta' studju ġewwa l-MCAST fuq bażi *full-time*, u l-istess ngħad fil-konfront ta' F B. Sabiex tikkorrabora dan, ġie anness prova dokumentarja li tistabbilixxi illi: (i) E tattendi l-MCAST fejn qed issegwi tlett (3) korsijiet u dan mis-sena 2018 sas-sena 2021,[69] u (ii) F tattendi l-MCAST fejn qed issegwi żewġ (2) korsijiet u dan mis-sena 2019 sas-sena 2021.[70] Fir-rigward ta' aċċess, tali talba ġiet opposta;

***Digriet tal-Qorti datat 27 ta' Ottubru 2020,***[71] fejn ċaħdet l-ewwel talba in vista tad-dokumenti eżebiti, filwaqt li ħatret lil Dr Stephanie Galea bħala Avukat tat-Tfal sabiex tkellem lil F u C, aħwa B, u wara tirrelata dwar it-tieni talba;

***Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea***, ippreżentat nhar is-16 ta' Novembru 2020,[72] fejn it-tfal F u C meta ġew mitkellma waħedihom, it-tnejn saħqu illi ilhom snin jirrisjedu ma' missierhom, dejjem ħa ħsiebhom u pprovdilhom b'kulma għandhom bżonn, b'hekk ikkonermaw illi għandhom relazzjoni tajba ħafna ma' missiehrom u jħossuhom sikuri miegħu. Magħdud ma' dan, il-minuri kkonfermaw ukoll li ilhom is-snin mingħajr kuntatt ma' ommhom, u għandhom memorji koroh ta' meta kienu magħha liema memorji jinkludu swat anke bil-bokla taċ-ċintorin, tbenġil u marki fuq ġisimhom, irġiel differenti d-dar, joqgħodu waħedhom waqt li ommhom toħroġ bil-lejl, ġuħ għax ma kienetx tagħtihom x'jieklu u theddid li ser tpoġġihom f'istitut. Fid-dawl ta' dan, ġie konkluż illi: *"Illi l-esponenti tinnota li z-zewg minuri assolutament ma jridux jafu b'ommhom, lanqas ma jixtiequ li jiltaqghu maghha ghal ftit hin. Kif spjegat aktar 'il fuq huma ghandhom ragunijiet validi hafna ghaliex ma jridux jafu b'ommhom.*

[67] Fol. 252.
[68] Fol. 257.
[69] Fol. 258.
[70] Fol. 260.
[71] Fol. 262.
[72] Fol. 263.

*Ghalhekk l-esponenti umilment tirrakkomanda lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-tieni talba ta' C D fir-rikors taghha msemmi"*;

**Digriet tal-Qorti datat 17 ta' Novembru 2020**,[73] fejn wara li l-Qorti rat ir-rapport surreferit, ċaħdet it-tieni talba fl-interess suprem tal-minuri.

Stabbilit il-premess, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħti l-konsiderazzjonijiet tagħha fuq kull talba kif dedotta mill-attur.

**ii. L-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Talba –** ***L-Attur jitlob li l-Kura u Kustodja tiġi fdata Esklussivament lilu, b'dana illi l-Minuri jabita fir-Residenza tiegħu:***

Fil-każ odjern, l-attur qiegħed jitlob sabiex jiġi vestit b'mod esklussiv bil-kura u kustodja tal-minuri, filwaqt li min-naħa l-oħra l-konvenuta qiegħda toġġezzjona għal tali talba stante li fil-fehma tagħha ma teżisti l-ebda raġuni valida sabiex dan iseħħ. Anzi l-konvenuta tisħaq illi *"anzi din ghandha tkun affidata f'idejn l-esponenti u dana minhabba n-natura vjolenti u manipulattiva tal-attur, li sahansitra wasal f'punt fejn ivvalena mohh uliedu u xewwixhom u ghawwihom kontra ommhom sal-punt li sahansitra waqfilhom kull access lejha u issa intavola din il-kawza that premessi qarrieqa u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza".*[74]

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina <u>l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri</u>. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa rrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child*

[73] Fol. 265.
[74] Fol. 22.

*irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew minn ġenitur wieħed. Huwa rikonoxxut minn din il-Qorti illi ħafna mid-drabi jkunu l-ġenituri stess li jagħżlu li jitfgħu lil uliedhom f'sitwazzjoni ta' dan it-tip, u dan għaliex l-ġenituri jkunu nies irresponsabbli, bla kompassjoni u b'nuqqas ta' volonta' li jħobbu, jindukraw u jrabbu lil uliedhom f'għożża li tant ikunu mxenqin għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju s-sinteżi tal-każ odjern, fejn il-minuri safa' sabiex spiċċa jgħix esklussivament ma' missieru fl-eta' tenera ta' sena madwar sentejn u dan mingħajr ma ellu ebda kuntatt ma' ommu. Barra minn hekk, fis-sitwazzjoni in eżami l-Qorti tara illi *pendete lite* l-kura u kustodja tal-minuri ġiet regolata mill-Qorti permezz ta' digriet datat 24 ta' Ġunju 2015,[75] fejn din ġiet fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attur.

Fil-każ odjern, il-Qorti rat il-provi kollha mresqa u huwa evidenti illi bejn il-partijiet teżisti amożita' kbira, tant li t-tnejn li huma ppruvaw jiskreditaw lil xulxin kemm felħu sabiex f'għajnejn il-Qorti ma jidhrux idoneji li jkunu fdati bil-kura u kustodja ta' binhom C. Min-naħa waħda, l-attur jiddeskrivi u jittenta jistabbilixxi lill-konvenuta bħala persuna irresponsabbli għall-aħħar u vjolenti, filwaqt li l-konvenuta tagħti stampa tal-attur illi huwa persuna vjolenti, għażżien, u jinteressah biss minn familtu ġewwa s-Sirja. Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dawn iż-żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, din tosserva illi l-konvenuta ma rnexxiliex tikkontradixxi l-verżjoni u l-provi tal-attur sal-grad rikjesti mil-liġi u tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. L-allegata vjolenza pperpetrata mill-attur, għalkemm ġiet ikkorraborata minn ulied il-konvenuta Neil u Z1, fil-verita' il-Qorti tara li mill-atti ma

[75] Fol. 83.

jirriżultax li l-konvenuta qatt għamlet rapport mal-Pulizija dwar tali aġir. Anzi jirriżulta illi baqgħat f'relazzjoni miegħu, u kellha t-tfal miegħu għal darba, darbtejn, tlieta. Fil-fehma tal-Qorti, kieku l-konvenuta kienet verament tibża' għall-ħajjitha, żgur mhux forsi kienet titlob għall-għajnuna, jekk xejn sabiex tipproteġi lill-uliedha u ma tgħaddihomx minn trawma inutilment. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li għalkemm il-konvenuta tisħaq illi l-attur ressaq diversi xhieda sabiex jipprova jiġġustifika kemm huwa persuna responsabbli, il-konvenuta tirribatti illi *"hawn jinghad li l-ebda minn dawn il-persuni ma kienet tkun fil-prezenza taghhom id-dar u l-ebda minnhom ma kien xhieda tal-vjolenza estrrema li l-attur kien jezercita fuq l-esponenti".*[76] Madanakollu, il-Qorti ma taqbilx mal-konvenuta li b'daqshekk tali xhieda huma irrelevanti, u kieku riedet il-konvenuta setgħat dejjem tattakka tali xhieda mresqa mill-attur, senjatament tal-ġirien tiegħu u kif ukoll rappreżentanti tal-iskola fejn kienu jattendu l-ulied, li kollha jippuntwalizzaw li l-attur huwa raġel sew, tal-familja, kwiet, u li dejjem ħa ħsieb u ndokra lill-uliedu;

2. Għalkemm il-konvenuta tisħaq li hi ma abbandunatx lill-uliedha, li kien l-attur li ħa lit-tfal kontra l-volonta' tagħha filwaqt li l-attur stess ma kienx jippermettilha aċċess adegwat, il-Qorti tistaqsi, għaliex il-konvenuta qatt ma għamlet rapport ta' dan mal-Pulizija? Għaliex il-konvenuta qatt ma bdiet azzjoni kontra l-attur sabiex tipproteġi d-drittijiet tagħha bħala omm u kif ukoll tissalvagwardja lill-uliedha minorenni mill-karattru hekk allagatament vjolenti tal-attur? Minnflok iżda jidher li l-konvenuta baqgħat ma għamlet xejn għal sentejn u nofs sħaħ, ċjoe' għall-perjodu mit-8 ta' April 2012 meta l-attur ħa lill-uliedu miegħu sal-5 ta' Diċembru 2015 li hi d-data meta l-attur ntavola l-azzjoni odjerna. F'għajnejn il-Qorti dan il-komportament ftit li xejn jirrifletti tajjeb fuq il-karattru tal-konvenuta. Fil-fatt il-Qorti kienet tistenna ferm aħjar mill-omm konvenuta, u tinsab perplessa kif il-konvenuta kellha l-kuraġġ tibqa' passiva filwaqt li fl-istess waqt tallega li s-sieħeb tagħha huwa vjolenti;

3. Il-konvenuta tippersisti illi l-attur jinsab Malta b'mod illegali u li l-intenzjoni aħħarija tiegħu wara tali azzjoni hija sabiex ikollu raġuni valida biex jibqa' jgħix Malta. Madanakollu l-Qorti tara li din hija allegazzjoni oħra frivola hekk kif il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova dwar dan u kien

[76] Fol. 313.

jispetta lill-konvenuta li tressaq il-provi appożiti f'tali ċirkostanzi. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tissottolineja illi hija prekluża milli tagħmel distinzjoni bejn parti mill-kawża li jkun ta' nazzjonalita' Maltija u oħra li tkun barranija, u dak li jinteressaha huwa li jsir ġudizzju sewwa, iktar u iktar fil-każ odjern li si tratta minuri u b'hekk l-intenzjonijiet tal-partijiet ma humiex daqstant relevanti għall-Qorti hekk kif il-ġudizzju f'tali każ irid isir biss fl-aħjar interess suprem tal-minuri.

Finalment, il-Qorti tara illi nonostante s-suespost, fil-kawża odjerna ġew imqabda żewġ avukati tat-tfal, ċjoe' Dr Stephanie Galea li għamlet żewġ rapporti u Dr Tanya Sammut Catania li ħejjiet rapport ieħor. B'hekk il-Qorti għandha a disposizzjoni tagħha tlett (3) rapporti, liema rapporti fil-kontenut tagħhom bħala verżjonijiet ta' ulied il-partijiet baqgħu dejjem konsistenti u ugwali għal xulxin, tant li ż-żewġ avukati tat-tfal waslu għall-istess konklużjonijiet. B'referenza għall-aħħar rapport, u ċjoe' dak ta' Dr Stephanie Galea ppreżentat fit-18 ta' Novembru 2020, fejn ġie mitkellem C B waħdu, il-Qorti tara li dan flimkien ma' oħtu F li dak iż-żmien kienet ukoll għadha minorenni, ikkonfermaw illi: *"l-minuri ilhom snin jirrisjedu ma' missierhom u dan dejjem ha hsiebhom u tahom kull m'ghandhom bzonn. Huma ghandhom relazzjoni tajba hafna ma' missierhom u jhossuhom sikuri mieghu. Illi mill-banda l-ohra l-minuri ilhom is-snin minghajr kuntatt m'ommhom. Huma ghandhom memorji koroh (...)",*[77] u b'hekk ikkonkludiet minn dak li ntqal fil-laqgħa illi *"iz-zewg minuri* (wieħed minnhom huwa C B) *assolutament ma jridux jafu b'ommhom, lanqas ma jixtiequ li jiltaqghu maghha ghal ftit hin. Kif spjegat aktar 'il fuq huma ghandhom ragunijiet validi hafna ghaliex ma jridux jafu b'ommhom".*[78]

F'tali ċirkostanzi, il-Qorti tara li indubjament għandha tkompli tistrieħ fuq dawn ir-rapporti, speċjalment meta dawn jinkludu x-xewqat ukoll ta' C B, l-uniku wild li għadu minorenni. Magħdud ma' dan, il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħal f'rutina ta' ħajja fejn l-omm ma hijiex preżenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-*modus vivendi,* anzi bil-wisq tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lill-uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-

[77] Fol. 263.
[78] Fol. 264.

ġenitur l-ieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied u jgħix ħajja oħra.

Għaldaqstant u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attur u dan anke billi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attur ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attur stess jistabbilixxi bħala r-residenza tiegħu.

### iii. Ir-Raba' Talba – *Aċċess lill-Konvenuta għall-Minuri:*

In vista li l-minuri għandu jibqa' jgħix mal-omm attriċi, il-Qorti tara li l-attur ressaq it-talba illi f'każ li l-konvenuta jkollha aċċess għal minuri, tali aċċess *se mai* għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' persuni kompetenti b'dana illi waqt l-aċċess ma jkunx hemm il-preżenza ta' terzi persuni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt malgenituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[79]

Fit-tieni lok, il-Qorti tirribadixxi illi għalkemm il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[80] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-*

---

[79] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[80] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

*qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fil-każ odjern, jirriżulta li *pendente lite* għall-kawża odjerna, il-kwistjoni tal-aċċess dejjem ġiet miċħuda u dan abbażi ta' struzzjoni tal-avukati tat-tfal li ġew imqabda mill-Qorti stess. Għalhekk il-Qorti tinnota li l-minuri ilu ma jara jew jikkomunika ma' ommu għal żmien twil, u ċjoe' minn meta kellu kważi sentejn. Madanakollu jidher ċar li l-minuri stess ma jridx li jibni relazzjoni ma' ommu, u dan kif rifless fir-rapporti tal-avukati tat-tfal, inkluż l-aktar wieħed riċenti. Min-naħa tagħha l-konvenuta tirribatti illi *"li l-uied naturali jinqatalhom kull forma ta' aċċess lejn ommhom hija sanzjoni ferm estrema u drastika u li saħansitra tmur kontra r-rabta naturali mnissla bejn omm u ulieda. Illi ċertament ma huwiex fl-aħjar interess tal-minuri C J illi huwa ma jkollu l-ebda forma ta' relazzjoni ma' ommu matul it-trobbija tiegħu".*[81]

Għaldaqstant tenut kont taċ-ċirkostanzi u sabiex jinħoloq bilanċ, il-Qorti temmen li jkun idoneju illi issa li l-minuri għandu tnax-il (12) sena u għandu r-razzjonalita' li jirrifletti u jaħseb x'jixtieq: (i) il-minuri C B għandu jitħalla liberu li jikkomunika ma' ommu b'mod telefoniku u elettroniku meta jrid hu, u (ii) għandu jkun hemm aċċess superviżjonat mill-Aġenzija Appoġġ biss meta u jekk il-minuri jiddeċiedi illi jrid jiltaqa' u jqatta' ħin ma' ommu u ħutu Neil u Z1, u b'hekk l-aċċess *se mai* għandu jseħħ bil-volonta' assoluta tal-minuri skont kif kieku jidhrilha l-Aġenzja Appoġġ fiċ-ċirkostanzi.

### iv. Il-Ħames, is-Sitt u s-Seba' Talba Talbiet – *Likwidazzjoni u Kundanna ta' Ħlas ta' Manteniment għall-Ħtiġijiet tal-Minuri, u l-Allowance tat-Tfal:*

Fir-rigward ta' likwidazzjoni ta' manteniment futur, il-Qorti rat li skont id-digriet *pendente lite* tal-24 ta' Ġunju 2015,[82] il-konvenuta kienet ordnata tħallas is-somma ta' €450 fix-xahar bħala manteniment għal uliedha, liema digriet għadu *in vigore* sal-preżent.

[81] Fol. 314.
[82] Fol. 83.

Mill-provi mresqa u dan fid-dawl tal-impjiegi tal-partijiet, il-Qori tara li l-partijiet ma resqux ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Jobsplus, jew tal-*employer* sabiex b'hekk jiġi identifikat fejn qegħdin jaħdmu il-partijiet u kemm hu l-introjtu tagħhom. L-unika provi skarsi li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward huma: (i) sottomissjoni da parti l-attur li huwa jaħdem għal rasu,[83] u (ii) kopja tal-FS3 għas-sena bażi tas-sena 2012,[84] 2013,[85] u 2014[86] tal-konvenuta, fejn jidher li kienet taħdem ma' Watson's Holiday Co. Ltd. u kellha introjtu gross ta' €879, u kif ukoll ma' G. Max Ltd fejn kellha introjtu gross ta' madwar €2,847.

Għaldaqstant fid-dawl tal-premess u ġialadarba l-minuri ser ikompli jabita mal-attur, il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemha għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenuta għandha tħallas lill-attur it-total ta' €275 kull xahar. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenutq hija obbligata li tħallas manteniment għal C B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attur għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tixtieq ukoll tagħti l-konsiderazzjonijiet tagħha fuq is-segwenti:

a. L-attur jagħmel referenza għal arretrati ta' manteniment kemm fl-affidavit tiegħu, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet. Fil-fatt fl-affidavit tiegħu huwa jikkontendi illi *"nghid li ghandha taghtini madwar €3500 f'manteniment u li qieghda tirrifjuta bil-qawwa biex taghtihomli. Minkejja li hemm proceduri kriminali fil-konfront taghha jien ghadni*

[83] Fol. 304.
[84] Fol. 115.
[85] Fol. 113.
[86] Fol. 114.

*minghajrhom",*[87] filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet jisħaq illi *"manteniment ilu ma jithallas ghal tlett snin tant illi l-konvenuta ghandha tivversa lir-rikorrenti l-fuq minn sittax-il elf ewro f'manteniment maqbuz hekk li njorat d-digrieti tal-Qorti. Ghalhekk, il-Qorti qed tintalab sabiex tiffissa l-arretrati dovuti mill-intimata limitatament ghal tlett (3) snin bir-rata ta' erbgha mija u hamsin ewro fix-xahar li jammontaw ghal sittax-il elf u mitejn Euro (€16,200)".*[88] Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tgħid illi tali *"tali rikjesta hija kompletament inamissibbli, barra li hija infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt. (...) l-esponneti qatt ma ngħatat l-opportunita' li tiddefendi ruħha għal tali allegazzjonijiet u li tressaq provi sabiex tirribatti tali allegazzjoni".*

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi talba ta' din in-natura hija possibbli, iżda trid issir b'ċertu mod u manjiera. *In primis*, irid jingħad illi għalkemm huwa minnu li l-attur ma ressaq l-ebda talba formali għall-arretrati ta' manteniment fir-rikors promotur tiegħu, il-Qorti tara illi fil-verita' tali talba l-attur ma setgħax iressaqha fl-istadju li ppreżenta l-azzjoni tiegħu in vista li l-manteniment *pendente lite* wara li ġiet intavolat ir-rikors promotur. Għaldaqstant jirrizulta ċar illi l-attur ma kellu l-ebda għażla ħlief li jagħmel dikjarazzjoni ġuramentata permezz ta' affidavit sabiex jittenta jakkwista l-arretrati ta' manteniment.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis,**[89] deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007, fejn il-mara bdiet kawza ta' separazzjoni kontra żewġha, fejn *inter alia* talbet lill-Qorti tiffissa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attriċi. Jirriżulta illi permezz ta' digriet *pendente lite* s-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili kienet ordnat li r-raġel iħallas manteniment lil martu, liema diġriet ġie onerat mir-raġel għal sitt (6) xhur biss, u dan minkejja li tali ordni qatt ma ġiet varjata. B'hekk il-mara, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, vvantat pretensjoni fl-ammont ta' Lm8,000 rapprezentanti arretrati ta' manteniment. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti njorat kompletament tali pretensjoni u *rebus sic stantibus* ċaħdet it-talba tal-mara għall-manteniment sakemm żewġha isib xogħol bi qligħ. Għaldaqstant, il-mara pprezentat rikors ta' appell ibbażat fuq aggravju wieħed, u ċjoe' li l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta

[87] Fol. 161.
[88] Fol. 304.
[89] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007 (Appell Numru 176/2000/1).

meta ddeċediet li ma tiffisax manteniment lilha imqar billi tordna l-ħlas ta' arretrati ta' manteniment. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi"*. B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati. Naturalment dan jagħmel sens speċjalment jekk bħal kaz odjern ma kienx possibbli għall-attur li jifformula tali talba fl-istadju tal-intavolar tal-azzjoni in vista li f'dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex l-attur ikollu tali pretensjoni. Għaldaqstant din il-Qorti ma għandhiex tiċħad id-dikjarazzjoni tal-konvenut abbażi tal-fatt li ma ressaq l-ebda talba f'dan is-sens.

Stabbilit il-premess, madanakollu jiġi mfakkar li f'tali kwistjonijiet *"l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)".*[90] Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara li għandha tieħu in konsiderazzjoni taċ-ċifra elenkata fl-affidavit tal-attur, u ċjoe' is-somma ta' €3,500. Konsegwentament għal tali referenza, il-Qorti tinnota silenzju totali fuq il-manteniment u l-*quantum* ta' arretrati li talvolta akkumulaw. Għalhekk, l-attur ma jistgħax jippretendi li l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni dik l-asserzjoni kif elenkata fin-nota ta' sottomissjonijiet, liema nota ma tikkostitwixxix prova.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tordna li lill-konvenuta sabiex tħallas l-arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €3,500.

[90] *Ibid.*

b. L-attur jitlob lill-Qorti tiddikjara illi l-*allowance* tat-tfal dovut mit-8 ta' April 2012 'il quddiem li ġie ppercepit mill-konvenuta u dan skont kif ikkonfermat mir-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, kellu jkun dovut lill-attur stante li minn tali data 'il quddiem uliedhom kienu qegħdin jirrisjedu miegħu. Għal tali talba, il-konvenuta teċepixxi illi: (i) dan ma huwiex il-forum sabiex issir tali talba stante illi din teżorbita l-komoetenza ta' din l-Onorabbli Qorti peress li hija talba monetarja, u (ii) ai termini tal-liġi talbiet għal rifużjoni ta' flus huwa preskritt b'sentejn.

Il-Qorti ma taqbilx mal-eċċezzjoni tal-konvenuta għaliex it-talba tal-attur hija sempliċi dikjarazzjoni u mhux qieghed jitlob rifużjoni tal-flus. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tara illi ġialadarba id-dritt għall-*allowance* hu tat-tifel innifsu,[91] il-Qorti għandha s-setgħa li ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti kwalsiasi ordni f'dan ir-rigward u dan fl-interess suprem tal-minuri.

Tenut kont tad-diskrezzjoni li għandha l-Qorti, din tal-aħħar tara li fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Delia vs Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali**,[92] ġie mgħallem illi: *"Il-qorti tifhem ukoll l-Artikolu 76 fis-sens li jezigi li t-tifel ikun qieghed jabita mal-genitur/i, tant li fejn il-kap tal-familja u l-konjugi m'humiex il-genituri tal-minuri, id-Direttur jista' jaccetta bhala kap tal-familja l-persuna li tkun il-kustodju effettiv ta' dak it-tifel. Disposizzjoni li turi kemm il-hlas tal-allowance tat-tfal ma tiddependix minn min ghandu l-kura u kustodja legali tal-minuri. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li skont l-Artikolu 76(1) id-dritt ghall-allowance* ***hu tat-tifel****"* (enfażi tal-Qorti). Għalhekk dan ifisser illi l-*allowance* għandu jiġi ppercepit minn dak il-kap tal-familja li miegħu ikun qiegħed jgħix il-minuri, tant illi dan l-*allowance* jimxi mal-minuri skont fejn dan imur jirrisjedi.

Fil-każ in eżami, ma huwiex kontradett illi ulied il-partijiet ilhom jirrisjedu mal-attur sa mit-8 ta' April 2012. Barra minn hekk huwa ukoll ippruvat illi mit-8 ta' April 2012 sat-3 ta' Ottubru 2014,[93] kienet il-konvenuta li pperċepixxiet mill-*allowance* tat-tfal għal E, F u C B. Għaldaqstant, il-Qorti

---

[91] **Antoinette Delia vs Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Diċembru 2015 (Appell Numru 19/2016 AE).
[92] *Ibid.*
[93] Fol. 30.

tara illi fil-verita' u tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni kellu jkun l-attur li jipperċepixxi minn dan l-*allowance* u mhux il-konvenuta.

**v. Ordnijiet Ulterjuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti s-segwenti provvedimenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri:

a. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivamet fl-attur, id-deċiżjonijiet ordinarji u anke dawk straordinarji għandhom jittiehdu esklussivament mill-attur;

b. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attur;

c. Il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-konvenuta u jiġi depożitat direttament lill-attur f'dak il-kont bankarju indikat minnu stess;

d. Il-manteniment għandu jgħola kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;

e. Din is-sentenza għandha tiġi kkomunikata lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali sabiex jimxi skont kif jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi wara li l-konvenuta kienet ilha tipperċepixxi mill-*allowance* tat-tfal ta' uliedha E, F u C, aħwa B, u dan minkejja li t-tfal kienu ilhom jirrisjedu ma' missierhom sa mit-8 ta' April 2012.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, u konsegwentament taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' litatament l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba u dan fir-rigward ta' C B li għadu minorenni, u tiddikjara u tordna illi l-kura u kustodja tal-imsemmi minuri għandha tkun vestita esklussivament f'idejn l-attur A B u konsegwentament tordna li l-minuri jibqa' jirrisjedi mal-attur ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attur stess jistabbilixxi bħala r-residenza tiegħu;

2. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u dan fir-rigward ta' C B, fejn tenut kont taċ-ċirkostanzi u sabiex jinħoloq bilanċ fir-rigward tal-minuri C B, il-Qorti tordna illi: (i) il-minuri C B għandu jitħalla liberu li jikkomunika ma' ommu b'mod telefoniku u elettroniku meta jrid hu, u (ii) għandu jkun hemm aċċess superviżjonat mill-Aġenzija Appoġġ biss meta u jekk il-minuri jiddeċiedi illi jrid jiltaqa' u jqatta' ħin ma' ommu u ħutu Neil u Z1, u b'hekk l-aċċess *se mai* għandu jseħħ bil-volonta' assoluta tal-minuri skont kif kieku jidhrilha l-Aġenzja Appoġġ fiċ-ċirkostanzi;

3. Tilqa' limitatament il-ħames u s-sitt talba, u dan fir-rigward ta' C B u tordna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemha għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenuta għandha tħallas lill-attur it-total ta' €275 kull xahar. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal C B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attur għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu; tordna ukoll lill-konvenuta sabiex tħallas l-arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €3,500;

4. Tilqa' is-seba' talba u tiddikjara li l-*allowance* tat-tfal pperċepit mit-8 ta' Awwissu 'il quddiem kellu jitħallas lill-attur stante li uliedu kienu jirrisjedu miegħu u mhux mal-konvenuta;

5. Tilqa' it-tmien talba u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tordna lill-konvenuta:

    a. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja ta' C B ser tkun vestita esklussivamet fl-attur, id-deċiżjonijiet ordinarji u anke dawk straordinarji għandhom jittiehdu esklussivament mill-attur;

    b. Il-passaport ta' C B għandu jinżamm fil-pussess tal-attur;

    c. Il-manteniment għal C B għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-konvenuta u jiġi depożitat direttament lill-attur f'dak il-kont bankarju indikat minnu stess;

    d. Il-manteniment għal C B għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;

    e. Din is-sentenza għandha tiġi kkomunikata lid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali sabiex jimxi skont kif jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi wara li l-konvenuta kienet ilha tipperċepixxi mill-allowance tat-tfal ta' uliedha E, F u C, aħwa B, u dan minkejja li t-tfal kienu ilhomjirrisjedu ma' missierhom sa mit-8 ta' April 2012.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenuta.